MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2011

Numru. 30/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**
**Vs**
**Clint Zammit**
**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Clint Zammit ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, bin George u Bernardette neè Abela, imwieled Pietà nhar 1-14 ta' Dicembru 1988, residenti 70, Triq Pinto, Qormi u detentur tal-Karta ta' 1-Identità bin-Numru 572888(M): talli f'dawn il-gzejjer nhar it-24 ta' Jannar 2011, gewwa Hal-Qormi, kif ukoll f'dawn 1-ahhar xhur, f'hinijiet differenti f'diversi postijiet madwar Malta:-

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga *Kokaina,* specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma' kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi Awtorita

moghtija mill-President ta’ Malta li jfornu d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal- Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma' kellu licenzja li jipprokura 1-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati, u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta’ skola, club jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqaw iz-zaghzagh skond l-artikolu 22 (2 b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta Malta;

2. kellu fil-pussess tieghu id-droga *Kokaina* specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba’ u Sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmijja u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmijja fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmijja giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti imsemmijja u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f’tali cirkustanzi li kienu juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' 1-Art. 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra t'esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat però illi l-Prosekuzzjoni rrinunzjat ghal din it-talba;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ma tistax ghajr li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat kif ukoll il-fatt li l-istess imputat ikkopera mal-Pulizija;

Ghalhekk wara li rat u kkunsidrat l-Art. 8(a) u l-Art.22(2)(b)(1) tal-Kap.101tal-Ligijiet ta' Malta u l-Art.49 u l-Art. 50 tal-Kap, 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-ordni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra t'esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-Prosekuzzjoni rrinunzjat ghal tali talba, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) b'effett millum **u** ghall-hlas ta' multa ta' elf Euro (€1,000), b'dana li l-imsemmija multa ghandha tithallas mill-imputat wara li jiskonta l-piena ta' prigunerija imposta b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna li d-drogi esebiti fl-atti tal-kawza u mmarkati rispettivament bhala Dok. "JB5" u Dok. "JB6" jigu konfiskati favur il-Gvern u konsegwentement jigu distrutti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------